25.2.2014

B7-0188/2014 }
B7-0189/2014 }
B7-0190/2014 }
B7-0191/2014 }
B7-0192/2014 } RC1/Am. 5

**Emenda 5**
**Willy Meyer, Alda Sousa, Marisa Matias**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR**
Is-sitwazzjoni fl-Iraq

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Aa. billi l-popolazzjoni kollha tal-Iraq tinsab maħsuda bi gwerra li kkawżat aktar minn miljun vittma u farrket partijiet kbar tal-infrastruttura tal-Iraq, u biż-żieda konsegwenti tal-vjolenza fil-pajjiż; billi għaxar snin ta' okkupazzjoni ħallew lill-pajjiż ifqar, l-għadd ta' persuni illitterati żdied filwaqt li aktar nies qed imutu bil-ġuħ; billi l-faqar laqat 88 % tal-popolazzjoni tal-Iraq u madwar sitt miljun Iraqi jgħixu taħt is-soll tal-faqar; billi anke minkejja li l-Iraq irnexxielu jerġa' jilħaq livelli ta' produttività taż-żejt sa kważi kapaċità sħiħa, l-inugwaljanza soċjali qed tikber hekk kif l-Istat tal-Iraq għadu mhux qed jirnexxielu jipprovdi servizzi bażiċi lill-popolazzjoni Iraqina, bħal elettriku regolari fis-sajf, ilma nadif u kura tas-saħħa pubblika;*** |

Or. en

25.2.2014

B7-0188/2014 }
B7-0189/2014 }
B7-0190/2014 }
B7-0191/2014 }
B7-0192/2014 } RC1/Am. 6

**Emenda 6**
**Willy Meyer, Alda Sousa, Marisa Matias**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR**
Is-sitwazzjoni fl-Iraq

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu għall-intervent militari tal-forzi tal-koalizzjoni fl-Iraq, itenni li din l-invażjoni kisret id-dritt internazzjonali u jenfasizza n-natura illegali tagħha; jenfasizza l-fatt li r-riżultati ewlenin tal-invażjoni tal-Iraq mill-Istati Uniti kienu l-kollass kważi totali tal-Istat tad-dritt u l-qawmien tal-estremiżmu reliġjuż fil-pajjiż; iqis li dawk li huma responsabbli għal din il-gwerra illegali u delitti kontra l-umanità għandhom jitressqu quddiem qrati internazzjonali;*** |

Or. en

25.2.2014

B7-0188/2014 }
B7-0189/2014 }
B7-0190/2014 }
B7-0191/2014 }
B7-0192/2014 } RC1/Am. 7

**Emenda 7**
**Willy Meyer, Alda Sousa, Marisa Matias**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR**
Is-sitwazzjoni fl-Iraq

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Iqis li l-pajjiżi li ħadu sehem fl-invażjoni tal-Iraq, inkluż diversi Stati Membri, jeħtieġ li jitolbu l-maħfra tal-poplu Iraqi għal gwerra miġġielda abbażi tal-gideb; jirrikonoxxi li din il-gwerra illegali qerdet il-pajjiż u żiedet il-vjolenza fiż-żona kollha; jikkundanna s-sakkeġġ tar-riżorsi naturali tal-Iraq minn korporazzjonijiet taż-żejt bħar-Royal Dutch Shell Oil Company, BP u ExxonMobil;*** |

Or. en

25.2.2014

B7-0188/2014 }
B7-0189/2014 }
B7-0190/2014 }
B7-0191/2014 }
B7-0192/2014 } RC1/Am. 8

**Emenda 8**
**Willy Meyer, Alda Sousa, Marisa Matias**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR**
Is-sitwazzjoni fl-Iraq

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Ifakkar l-importanza tal-prinċipji tal-ġustizzja, il-verità u r-riparazzjoni; iqis li l-awturi kollha ta' din il-gwerra illegali u d-delitti kontra l-umanità li rriżultaw minnha jridu jiġu proċessati quddiem il-qrati; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li ssir ġustizzja fil-każ tal-ġurnalisti José Couso, Taras Protsyuk u Tarek Ayub biex dawn il-każijiet ta' qtil ma jibqgħux impuniti;*** |

Or. en

25.2.2014

B7-0188/2014 }
B7-0189/2014 }
B7-0190/2014 }
B7-0191/2014 }
B7-0192/2014 } RC1/Am. 9

**Emenda 9**
**Willy Meyer, Alda Sousa, Marisa Matias**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR**
Is-sitwazzjoni fl-Iraq

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Jappoġġa l-isforzi tal-UE intiżi biex jassistu lill-Iraq fil-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-Istat tad-dritt, anki billi tibni fuq l-esperjenzi u l-kisbiet tal-missjoni EUJUST LEX-Iraq, li sfortunatament lestiet il-mandat tagħha fil-31 ta' Diċembru 2013, flimkien mal-isforzi tal-UNAMI u tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex jassistu lill-Gvern tal-Iraq fit-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi tiegħu, fil-promozzjoni tal-Istat tad-dritt, fil-faċilitazzjoni tad-djalogu reġjonali, fit-titjib tal-forniment ta' servizzi bażiċi u fl-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' b'sodisfazzjon il-programm ta' bini ta' kapaċitajiet mniedi fit-22 ta' Jannar 2014, finanzjat mill-UE u implimentat mill-Uffiċċju tas-Servizzi tal-Proġetti tan-NU, sabiex jgħin lill-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Iraq fl-implimentazzjoni tal-mandat tiegħu li jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem fl-Iraq;*** | 8. ***Jirrifjuta l-ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Iraq; hu tal-fehma li l-objettivi ewlenin tal-kooperazzjoni tal-UE mal-Iraq għandhom ikunu t-tmiem tal-vjolenza, l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem u r-restituzzjoni tal-benessri tal-poplu tal-Iraq, u mhux l-introduzzjoni u l-espansjoni tal-industriji taż-żejt tal-UE fil-pajjiż;*** |

Or. en